

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmjem Awla) tat-18 ta' Mejju 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari mill-Finanzgericht Düsseldorf — il-Ġermanja) — Delphi Deutschland GmbH vs Hauptzollamt Düsseldorf

(Kawża C-423/10) ⁽¹⁾

(*Tariffa Doganali Komuni — Nomenklatura magħquda — Klassifikazzjoni tariffarja — Konnektors tal-elettriku — Subintestatura 8536 69 — Plaggs u sokits*)

(2011/C 204/21)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Düsseldorf

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Delphi Deutschland GmbH

Konvenuta: Hauptzollamt Düsseldorf

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Finanzgericht Düsseldorf — Interpretazzjoni tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382), kif emendat bir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1810/2004, tas-7 ta' Settembru 2004 (ĠU L 327, p. 1), Nru 1719/2005, tas-27 ta' Ottubru 2005 (ĠU L 286, p. 1), kif ukoll Nru 1549/2006, tas-17 ta' Ottubru 2006 (ĠU L 301, p. 1) — Konnektors tal-elettriku, intiżi sabiex jingħaqdu mat-tarf tal-wajer tal-elettriku u jitqiegħdu f'kopertura tal-plastik sabiex jagħqudu żewġ kejbils — Klassifikazzjoni fis-subintestatura 8536 69 tan-Nomenklatura Magħquda.

Dispożittiv

Is-subintestatura 8536 69 tan-Nomenklatura Magħquda li tidher fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 tal-Kunsill, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, kif emendat għas-snin 2005, 2006 u 2007, rispettivament, bir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1810/2004, tas-7 ta' Settembru 2004, (KE) Nru 1719/2005, tas-27 ta' Ottubru 2005, u (KE) Nru 1549/2006, tas-17 ta' Ottubru 2006, għandha tiġi interpretata fis-sens illi l-konnektors tal-elettriku, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma humiex esklużi minn din is-subintestatura minħabba li ma jiżgurawx l-iżolazzjoni tal-pajp fil-punt ta' konnessjoni jew li jirrappreżentaw biss parti mill-plaggs u sokits immanifatturati sussegwentement, peress illi jippermettu li jsiru konnessjonijiet tal-elettriku bejn tagħmir, kejbils u bords ta' konnessjonijiet, eċċ., sempliċiment billi jkun pplaggjati l-plaggs fis-sokits mingħajr l-ebda xogħol ta' muntaġġ.

⁽¹⁾ ĠU C 317, 20.11.2010.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fit-18 ta' Marzu 2011 — Folien Fischer AG u Fofitec AG vs RITRAMA SpA

(Kawża C-133/11)

(2011/C 204/22)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof (il-Ġermanja)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Folien Fischer AG u Fofitec AG

Konvenuta: RITRAMA SpA

Domanda preliminari

L-Artikolu 5(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonossiment u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ⁽¹⁾, għandu jiġi interpretat li jfisser li l-ġurisdizzjoni fl-oqsma marbuta mad-delitti u kważi delitti tapplika wkoll fir-rigward ta' talba għal konstatazzjoni negattiva fejn l-awtur potenzjali ta' fatt dannuż isostni li fiċ-ċirkustanzi partikolari l-vittima potenzjali ma għandu ebda dritt fil-qasam delittwali (f'dan il-każ, ksor ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni)?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Frankfurt am Main (il-Ġermanja) fit-28 ta' Marzu 2011 — Condor Flugdienst GmbH vs Jürgen Dörschel

(Kawża C-151/11)

(2011/C 204/23)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landgericht Frankfurt am Main

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Condor Flugdienst GmbH

Konvenut: Jürgen Dörschel

Domandi preliminari

(1) Passiġġier għandu dritt għal kumpens skont l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 261/2004 ⁽¹⁾ fil-każ fejn titjira tiġi interrotta wara tluq li jkun sar skont l-iskeda ta' titjiriet u l-ajruplan, qabel ma jkun wasal fl-ajruport ta' destinazzjoni, jirritorna fl-ajruport ta' tluq u sussegwentement jwettag tluq ieħor b'dewmien li huwa rilevanti għall-ħlas ta' kumpens?